# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' Settembru 2002**

**Avviz. numru 382/02**

**Numru 26**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Charles Joseph Xerri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm1955) rappresentanti import ta' tlieta u ghoxrin (23) kambjala, kollha ta' Lm85 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2000 sa Gunju 2002 rispettivament u mhux imhallsa, annessi mal-avviz bhala dokumenti numru minn 1 sa 23 konsekuttivament u inkusivament. Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002 jammontaw ghal Lm152, oltre l-imghax

ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kambjalijiet enumerati numru 1 sa 23.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-11 ta' Settembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1955.00,0 bl-imghax legali mil-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Mejju 2002, jammonta ghal Lm152 kif ukoll l-imghax ulterjuri mid-29 ta' Mejju 2002 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjes.

Anthony Zammit
Deputat Registratur